Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

# Rapport annwali tal-UE 2023
# L-Istat tar-Reġjuni u l-Bliet

## Rakkomandazzjonijiet ewlenin

1. It-tkomplija u t-tisħiħ tal-appoġġ lill-Ukrajna permezz ta' sħubiji mar-reġjuni u l-bliet tal-UE għar-rikostruzzjoni u r-riforma.

2. L-iżgurar ta' approċċ ta' governanza f'diversi livelli għat-tranżizzjoni tal-enerġija. Huwa biss b'żieda fil-fondi tal-UE li l-proġetti lokali u reġjonali jista' jkollhom impatt akbar u aħjar biex jissodisfaw l-ambizzjoni klimatika tal-UE fil-prattika u jsaħħu l-aċċettazzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika fil-komunitajiet lokali.

3. Investiment b'mod sinifikanti fl-adattament għall-klima u l-mitigazzjoni tal-klima bi strateġija bbażata fuq il-post biex jiġu ppreservati l-koeżjoni u r-reżiljenza fir-reġjuni u l-bliet u fid-dawl tal-effetti ta' tfixkil u asimetriċi tat-tibdil fil-klima, kif ukoll it-telf tal-bijodiversità.

4. Appoġġ għal agrikoltura lokali sostenibbli u ħidma flimkien mal-awtoritajiet lokali u reġjonali biex is-sistemi tal-ikel Ewropej isiru aktar reżiljenti u sostenibbli.

5. L-iżgurar ta' aktar appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-livell lokali u reġjonali.

6. L-iżblukkar tal-investimenti għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, l-appoġġ għan-nies u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi, kif ukoll it-trawwim tal-kompetittività industrijali tar-reġjuni Ewropej.

7. Riforma tal-politika ta' koeżjoni b'missjoni u approċċ ibbażat fuq il-post, u l-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni" fil-politiki kollha.



8. Approċċ fit-tul għaż-żoni rurali biex ikunu mgħammra b'investiment għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali tagħhom biex jiġġieldu b'mod effettiv id-depopolazzjoni u jattiraw talent żagħżugħ.

9. L-UE trid tieħu vantaġġ mill-fiduċja taċ-ċittadini fir-rappreżentanti reġjonali u lokali biex tkompli ssaħħaħ id-demokrazija Ewropea fuq skala akbar.

10. L-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, bl-esperjenza u n-networks tagħhom, biex jippreparaw għall-mewġa li jmiss ta' tkabbir.